

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10588/26

CLIMA 332  
ENV 740  
TRANS 423  
MI 642  
CODEC 1190

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3922 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'12.6.2026 li jemenda u jikkoreġi l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data li għandha tiġi mmonitorjata, irrapportata u ppubblikata

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3922 final.

Mehmuż: C(2026) 3922 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.6.2026  
C(2026) 3922 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'12.6.2026**

**li jemenda u jikkoreġi l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data li għandha tiġi mmonitorjata, irrapportata u ppubblikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan l-Att Delegat jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> sabiex jiżgura li l-Istati Membri, il-manifatturi u entitajiet oħra jirrapportaw data addizzjonali, li ċerta informazzjoni sensitiva ma ssirx disponibbli għall-pubbliku, u li jiġu speċifikati ċerti elementi tal-proċess ta' rapportar għas-servizzi tekniċi.

B'mod speċifiku, jipprevedi emendi li huma neċessarji wara l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 għal gruppi ġodda ta' vetturi bil-mutur u trejlers bir-Regolament (UE) 2024/1610 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, kif ukoll l-emenda għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400<sup>3</sup> bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/258<sup>4</sup> u l-emenda<sup>5</sup> li jmiss għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362<sup>6</sup> li tipprevedi l-kopertura ta' teknoloġiji ġodda ta' vetturi heavy-duty, li hija ppjanata flimkien ma' dan l-att.

F'dan il-kuntest, xi wħud mill-emendi ta' dan l-Att Delegat huma neċessarji b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti b'mod xieraq l-emissjonijiet ta' referenza tat-trejlers u tal-karozzi tal-linja abbażi tad-data ta' monitoraġġ tal-perjodu ta' rapportar tas-sena 2025 (jiġifieri li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026), sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (UE) 2019/1242.

Barra minn hekk, huwa previst ir-rapportar ta' informazzjoni dwar il-manifatturi ta' ċerti komponenti tal-vetturi, meħtieġa għall-parti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-verifika tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> ta' vetturi heavy-duty fis-servizz.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1610 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tiżhij tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 (ĠU L, 2024/1610, 6.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1610/oj>).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2400/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/258 tas-7 ta' Frar 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2400 fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil ta' trakkijiet medji u tqal u ta' karozzi tal-linja tqal u l-inklużjoni ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu u teknoloġiji ġodda oħra u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 582/2011 fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar id-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil sabiex tinkiseb estensjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE (ĠU L, 2025/258, 20.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/258/oj>).

<sup>5</sup> [It-trejlers heavy-duty – inklużjoni ta' teknoloġiji ġodda tat-trejlers fil-metodoloġija tad-determinazzjoni tas-CO<sub>2</sub>](#)

<sup>6</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni ta' trejlers heavy-duty fir-rigward tal-influenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija u l-firxa tas-sewqan b'emissjonijiet zero tal-vetturi bil-mutur u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 145, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2022/1362/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1362/oj)).

Filwaqt li r-rapportar mis-servizzi tekniċi, li jistgħu jirrapportaw f'isem il-manifatturi taħt ċerti kundizzjonijiet, ġie introdott bl-emenda tar-Regolament (UE) 2019/1242 bir-Regolament (UE) 2024/1610, dan l-Att Delegat jispeċifika ċerti elementi tal-proċess ta' rapportar għas-servizzi tekniċi.

L-Att Delegat jintroduċi parametri ġodda ta' monitoraġġ biss għal tipi speċifiċi ta' vetturi biex jippermetti l-kunsiderazzjoni xierqa tagħhom fir-Regolament (UE) 2019/1242, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar jibqgħu proporzjonati u ħfief kemm jista' jkun. L-esklużjoni ta' ċerti parametri ta' rapportar mill-pubblikazzjoni tiżgura li d-data sensitiva tibqa' protetta.

Barra minn hekk, ċerti korrezzjonijiet fit-test tar-Regolament (UE) 2019/1242 huma introdotti biex itejbu ċ-ċarezza tiegħu u jiffaċilitaw il-proċess ta' rapportar.

## **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Il-Kummissjoni talbet il-feedback mingħand il-partijiet ikkonċernati permezz ta':

- (a) Konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politika tas-CO<sub>2</sub> mill-vetturi tat-triq, inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-manifatturi tal-vetturi, il-fornituri u l-NGOs mill-10 ta' Diċembru 2025 sad-19 ta' Diċembru 2025.
- (b) Konsultazzjoni pubblika ta' 4 ġimgħat fuq il-portal ta' regolamentazzjoni aħjar "Semma' leħnek", mid-19 ta' Marzu 2026 sas-16 ta' April 2026; hija rċeviet sitt kummenti.

Il-kummenti ppreżentati ġew ikkunsidrati u meqjusa kif xieraq.

## **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta dan l-Att Delegat permezz tal-Artikolu 14(2), il-punti (a) u (b), u l-Artikolu 14(3), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) 2019/1242.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.6.2026

## li jemenda u jikkoreġi l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data li għandha tiġi mmonitorjata, irrapportata u ppubblikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE<sup>7</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2), il-punti (a) u (b), u l-Artikolu 14(3), il-punti (a) u (b), tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 13a u l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1242, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw ċerta data għall-vetturi heavy-duty ġodda kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament;
- (2) Sabiex tittejjeb l-identifikazzjoni inekwivokabbli tal-manifatturi ta' vetturi kkompletati tal-kategorija M, l-isem u l-identifikatur dinji tal-manifattur (WMI, World Manufacturer Identifier) ta' tali manifatturi jenħtieġ li jiġu rrapportati mill-Istati Membri;
- (3) Skont l-Artikolu 13b u l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1242, il-manifatturi jridu jirrapportaw ċerta data għall-vetturi heavy-duty ġodda kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament u li l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-fjuwil tagħhom ġew simulati;
- (4) Sabiex tiġi żgurata aktar ċarezza tal-leġiżlazzjoni, it-tabella li tispeċifika parametri ta' monitoraġġ addizzjonali fil-Parti B tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1242 jenħtieġ li tinkludi intestatura u li tkun akkumpanjata minn noti ta' spjegazzjoni li jipprovdu gwida f'ċerti każijiet;
- (5) Fil-kuntest tal-verifika tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> ta' vetturi heavy-duty fis-servizz, kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1242, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju għall-għażla tal-vetturi f'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/35<sup>8</sup>. Bħala parti minn din il-valutazzjoni, jiġi ddeterminat ir-riskju ta' devjazzjoni fil-valuri tal-

<sup>7</sup> ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>.

<sup>8</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/35 tat-13 ta' Jannar 2025 li jimplementa r-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jiddetermina l-proċeduri għall-verifika fis-servizz tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> ta' vetturi tqal (ĠU L, 2025/35, 14.1.2025, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2025/35/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/35/oj)).

emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-vetturi b'ċerti komponenti. Dan jirrikjedi informazzjoni dwar il-manifatturi u l-għamliet ta' dawn il-komponenti biex jikkomplementaw l-elementi indikati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/35, li għalhekk jenħtieġ li jiġu inklużi fid-data tar-rapportar;

- (6) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400<sup>9</sup> u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362<sup>10</sup>, il-manifatturi jridu jiddeterminaw il-prestazzjoni ta' ċerti vetturi bil-mutur ġodda fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-fjuwil tagħhom, u ta' ċerti trejlers ġodda fir-rigward tal-influenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija u l-firxa tas-sewqan b'emissjonijiet żero tal-vetturi bil-mutur, u jenħtieġ li jirrapportaw ukoll din id-data;
- (7) L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 bir-Regolament (UE) 2024/1610 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup> għal gruppi ġodda ta' vetturi bil-mutur u ta' trejlers, kif ukoll il-bidliet u t-teknoloġiji l-ġodda introdotti fir-Regolament (UE) 2017/2400 bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/258<sup>12</sup> u l-emenda li ġejja għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362 jeħtieġu ċerti parametri ta' monitoraġġ addizzjonali biex jiżguraw monitoraġġ adegwat li għalhekk jenħtieġ li jiġu rrapportati;
- (8) Sabiex jiġu mmonitorjati kif xieraq ċerti tipi speċjalizzati ta' vetturi tal-kategorija O b'ħala parti mill-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242, jenħtieġ li jiġu rrapportati parametri għall-identifikazzjoni u għall-karatterizzazzjoni ta' daww il-vetturi;
- (9) Ċerti elementi tal-proċess ta' rapportar f'konformità mal-Artikolu 13b tar-Regolament (UE) 2019/1242 għal entitajiet għajr il-manifatturi responsabbli għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> ta' vettura heavy-duty jeħtieġu kjarifika u għalhekk jenħtieġ li jiġu speċifikati b'mod aktar preċiż;

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2400/oj>).

<sup>10</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni ta' trejlers heavy-duty fir-rigward tal-influenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija u l-firxa tas-sewqan b'emissjonijiet żero tal-vetturi bil-mutur u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 145, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2022/1362/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1362/oj)).

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1610 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 (ĠU L, 2024/1610, 6.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1610/oj>).

<sup>12</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/258 tas-7 ta' Frar 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2400 fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil ta' trakkijiet medji u tqal u ta' karożżi tal-linja tqal u l-inklużjoni ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu u teknoloġiji ġodda oħra u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 582/2011 fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar id-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil sabiex tinkiseb estensjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE (ĠU L, 2025/258, 20.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/258/oj>).

- (10) Sabiex tiġi protetta data kummerċjalment sensittiva, ċerti parametri fir-reġistru ċentrali jenħtieġ li ma jkunux disponibbli għall-pubbliku;
- (11) Peress li ż-żieda tar-rekwiżiti tad-data mal-Anness IV u l-pubblikazzjoni jew in-nuqqas ta' publikazzjoni tad-data rrapportata, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għas-servizzi tekniċi huma marbuta mill-qrib fis-sustanza tagħhom, l-emendi kemm għall-Partijiet A u B tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1242 kif ukoll għall-punti 1, 2 u 3.2 tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jitqiesu b'mod konġunt fl-istess att.
- (12) Il-Parti C tal-Anness IV u l-punti 1.1, 2.1 u 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1242 fihom ċerti żbalji li jaffettwaw is-sustanza ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-Annessi tar-Regolament (UE) 2019/1242 jiġu kkoreġuti kif xieraq.
- (13) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2019/1242 jenħtieġ li jiġi emendat u kkoreġut kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Emenda għar-Regolament (UE) 2019/1242**

L-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1242 huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

#### **Korrezzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242**

L-Annessi IV u V tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1242 huma kkoreġuti kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.6.2026

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*